21 ta' Ottubru, 1954

Imhallef:
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Emmanuele Barbara *versus* Carmelo Morana et.

**Appalt — Kondizzjoni Riżolutiva — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lill-appaltant il-fakoltà li jħoll il-kuntratt ta' l-appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġà beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi fissata mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi f'ammont li ma jeċċedix il-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt, tidderoga għall-prinċipju li ebda waħda mill-partijiet ma tista' arbitrarjament teħles mill-obligazzjoni tagħha.*

*Din hija dispożizzjoni eċċezzjonali, u għalhekk l-applikazzjoni tagħha għandha tinżamm fil-limiti li jiħom il-preskrizzjoni ġiet dettata; b'mod li l-fakoltà msemmija tappartjeni lill-prinċipal biss, u mhix akkordata lill-appaltatur; u barra minn dan, tirrigwarda biss il-każ ta' kuntratt, naturalment validu u pre-eżistenti, li jiġi riżolut biss bil-volontà waħedha ta' l-appaltant, u mhux ukoll il-każ ta' riżoluzzjoni tal-kuntratt favur l-appaltatur minħabba inadempjenza ta' l-appaltant.*

*Fl-ebda każ l-appaltatur ma jista' jikkunsidra l-kuntratt riżolut b'awtorità proprja, lanqas fl-ipotesi li jibża' mis-solvibilità tal-kommittent. Jekk l-appaltant ikun naqas minn xi obligazzjoni tiegħu, dan ma jġibx għall-applikazzjoni tan-norma eċċezzjonali fuq riferita, rigwardanti l-kommittent, li jkolli ad arbitriju tiegħu l-ftehim ta' l-appalt; biss l-appaltatur jista' jinvoka favur tiegħu l-massima "inadimplenti non est adimplendum" bl-effetti tagħha kollha skond il-liġi. U allura l-ġudikant jistabbilixxi jekk u safejn l-inadempjenza ta' parti waħda tiġġustifika l-inadempjenza tal-parti l-oħra, billi l-kondizzjoni riżolutiva taċita ma topera "ipso jure", imma r-riżoluzzjoni tal-kuntratt tista' ssir biss "ope judicis".*

**Il-Qorti** — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti kienu tawh l-appalt ta' rikostruzzjoni tal-fond numru 68 Steeple Street, Cospicua, li huwa aċċetta, bil-kondizzjoni li jagħmel ix-xogħol għas-spejjeż tiegħu

u jitħallas direttament mill-War Damage Commission, skond prokura li ġiet spedita lil dik l-istess Kummissjoni, li aċċettat-ha u ħarġet favur tiegħu l-"open credit" numru 3148 għall-valur ta' £369; u li huwa laħaq għamel fl-imsemmi fond xogħlijiet tal-valur ta' £250, u ma ġiex imħallas tagħhom; u li bl-ittra tal-Kummissjoni fuq riferita tat-12 ta' April 1952 il-perit Joseph Barbara, direttur tax-xogħlijiet, ġie infurmat mill-istess Kummissjoni li huwa (l-attur) ma għadux rikonoxxut bħala benefiċjarju ta' l-"open credit" fuq imsemmi; u li għalda-qshekk ma jistax jirtira flus akkont tal-prezz tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel a tenur tal-ftehim originali ta' l-appalt, u dan in segwitu għal, u minħabba, l-irtir da parti tal-konvenuti tal-*prokura originali ġà fuq imsemmija, irtir magħmul ad insaputa tiegħu u mingħajr l-ebda raġuni valida fil-liġi*; u li b'hekk naqset favur tiegħu kull garanzija li kellu għall-ħlas tal-prezz tax-xogħol u tal-materjali, garanzija li kellu bl-"open credit" fuq imsemmi; talab (1) illi l-konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu dik is-somma li tiġi likwidata, bl-opera ta' periti nominandi, bħala kumpens tax-xogħol ġà minnu prestat, oltre l-ispejjeż ta' xogħol u materjal erogat fil-kostruzzjoni, sa fejn saret, tal-fond fuq imsemmi; u (2), prevja d-dikjarazzjoni illi l-istess konvenuti, mingħajr ġusta kawża, issospendewlu l-appalt billi neħħew l-effett ta' klawsola essenzjali mill-prokura li biha l-appalt kien ġie minnu aċċettat, illi l-istess konvenuti jiġu kundannati jħallsu lilu dik is-somma li tiġi likwidata konformement għad-dispożizzjoni kontenuta fl-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili. Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-2 ta' Mejju 1953;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-fatti li ppreċedew il-kawża u taw lok għaliha huma dawn :—

Il-konvenuti taw lill-attur l-appalt għar-rikostruzzjoni tal-fond imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni, imġarraf bl-operazzjonijiet tal-gwerra, bil-ftehim li huwa jkun il-"beneficiary", jiġifieri jitħallas hu direttament mill-War Damage Commission; u effettivament dik il-Kummissjoni, fis-17 ta' Marzu 1951, irċeviet minn għand il-konvenuti awtorizzazzjoni datata 29 ta'

Lulju 1950, fis-sens li l-flus jeħodhom direttament l-attur, jiġifieri jirtira hu stess mill-Kummissjoni kwalunkwe somma li tkun dovuta għar-rikostruzzjoni tal-fond, inkluż id-dritt talperit (fol. 12). Deher lill-konvenuti li l-attur kien qiegħed idum fit-tmexxija tax-xogħol; u għalhekk, fid-19 ta' Jannar 1952, il-konvenut Carmelo Morana irrevoka l-imsemmija awtorizzazzjoni (fol. 38). Fis-17 ta' Frar 1952, il-Kummissjoni kitbitlu biex tara jekk kenitx anki l-intenzjoni tal-konvenut l-ieħor li jirtira l-awtorizzazzjoni; u in segwitu, fl-20 ta' Marzu 1952, il-Kummissjoni rċeviet ittra firmata mit-tnejn, li biha ġiet infurmata illi kull mandat minnhom preċedentement mogħti kellu jitqies revokat, u kull somma ta' flus tithallas lilhom (fol. 12 *tergo*);

Fl-istess jum li fih il-konvenut Carmelo Morana kien kiteb lill-Kummissjoni biex iħassar l-awtorizzazzjoni — 19 ta' Jannar 1952 — huwa kiteb lill-attur, u qallu illi mhux bi ħsiebu jħalli f'idejh il-kostruzzjoni tal-fond, u avżah biex ma jagħmel l-ebda xogħol fuqu u jħalli kollox kif kien allura (fol. 39). Fit-28 ta' Jannar 1952, l-istess konvenut Carmelo Morana, permezz tal-konsulent legali tiegħu, kiteb lill-attur, u talbu biex, fi żmien jumejn, jikkonsenjalu x-"schedule of works" relativ għall-fond fuq imsemmi, ħalli jkun jista' jibda x-xogħol immedjatament (fol. 15). L-attur irrispondieh bl-ittra tal-konsulent legali tiegħu tat-8 ta' Frar 1952, fejn talbu jiċċara jekk kienx fil-fatt qiegħed jissospendilu l-appalt, u biex, f'każ affermativ, jibgħatlu dikjarazzjoni f'dak is-sens, firmata anki mill-konvenut l-ieħor, u qallu illi allura biss ikun jista' jikkonsenjalu x-"schedule of works" relativ, b'riżerva tad-drittijiet tiegħu skond il-liġi (fol. 16). Għal din l-ittra, il-konsulent legali tal-konvenuti irrisponda lill-attur bl-ittra tat-13 ta' Frar 1952, li biha mill-ġdid talbu x-"schedule of works", u infurmah li d-dewmien fil-konsenja tagħha kien qiegħed jikkaġuna danni lilll-konvenuti, u qallu illi l-ittra tiegħu ta' qabel — dik tad-19 ta' Jannar 1952 — kienet biżżejjed ċara biex huwa jifhem illi l-inkariku gà lilu mogħti kien ġie sospiż minħabba l-fatt li għal tmien xhur ma kienx ħa passi biex jibda x-xogħol, u reġa' avżah illi l-inkariku kien ġie definitivament revokat (fol. 17). Però, wara ċirka tliet ġimgħat, il-kontendenti ftehmu li l-at-

tur ikompli x-xogħol; u fil-fatt l-attur reġa' beda jaħdem (fol. 20 u fol. 47);

Wara xi xahar, l-attur ġie infurmat mill-perit Barbara, li kellu d-direzzjoni tax-xogħlijiet, li l-konvenuti kienu rrevokawlu l-awtorizzazzjoni fuq imsemmija (fol. 20). Il-perit Barbara b'dana kien jaf għaliex kien ġie nfurmat b'din iċ-ċirkustanza permezz ta' l-ittra tal-War Damage Commission (fol. 13). Allura l-attur, permezz tal-konsulent legali tiegħu, fis-16 ta' April 1952 kiteb lill-konvenut Carmelo Morana biex iġagħlu minnufih jerġa' jdawwar f'ismu l-"claim" tal-"war damage" dwar il-fond fuq imsemmi, skond il-ftehim li kien sar bejniethom, u avżah illi, jekk jonqos, huwa jieqaf mix-xogħol (fol. 18). L-attur jgħid illi l-konvenuti ma tawhx risposta, u għalhekk telaq ix-xogħol u pproċeda b'din il-kawża. Il-konvenut Carmelo Morana xehed illi l-attur avviċinah mill-ġdid u qallu li, skond l-obligazzjoni ta' bejniethom, il-"claim" kellha tkun f'ismu, u li huwa rrispondieh li kien neħħiha minn fuq ismu peress li kien dam ma jibda x-xogħol, u għal dik irraġuni kien iddeċieda li jagħti x-xogħol lil ħadd ieħor (fol. 48);

Tikkunsidra;

Illi l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tax-xogħol li għamel u ta' l-ispejjeż li eroga, naturalment in konnessjoni ma' l-appalt — l-ewwel talba avanzata bl-att taċ-ċitazzjoni; u d-dikjarazzjoni ġudizzjali li l-konvenuti ssospendewlu l-appalt mingħajr ġusta kawża, u l-kundanna tagħhom biex iħallsu lilu s-somma li tiġi likwidata skond dak li hemm maħsub fl-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili bħala konsegwenza tar-riżoluzzjoni arbitrarja ta' l-appalt da parti ta' l-istess konvenuti kommittenti — it-tieni talba avanzata bl-att taċ-ċitazzjoni;

L-attur evidentement jippretendi illi r-revokazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni fuq riferita, billi neħħiet l-effett lill-patt ġà stipulat bejniethom, li huwa kellu jkun il-"beneficiary", u li b'hekk ġiet nieqsa kull garanzija li kellu għall-ħlas tax-xogħol u materjali, garanzija li qabel kellu bl-imsemmi "open credit", iġġib għar-riżoluzzjoni arbitrarja ta' l-appalt da parti tal-prinċipal fis-sens maħsub fl-imsemmi art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkunsidra;

Illi, skond l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili tagħna, korrispon-

denti għall-art. 1641 tal-Kodiċi *Civili* Taljan u għall-art. 1794 tal-Kodiċi Franċiż, min jagħti x-xogħol jista' jħoll meta jrid il-kuntratt *ta'* l-appalt, għalkemm ix-xogħol ikun ġà beda, billi jħallas lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi fissata mill-Qorti skond iċ-ċirkustanzi, iżda mhux iżjed mill-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt;

Dina d-dispożizzjoni tidderoga apparentement għal wieħed mill-prinċipji fondamentali ta' kull kuntratt sinallagmatiku, jiġifieri għal dak il-prinċipju li l-ebda waħda mill-partijiet kontraenti ma tista' arbitrarjament teħles mill-obligazzjonijiet tagħha. L-art. 1734 *jidderoga* għal dak il-prinċipju favur il-prinċipal, li jista' jkollu, kif jikteb Pacifici Mazzoni, "legittimi ed imperiosi motivi di sospendere l'opera". Però, il-kondizzjonijiet li għalihom dak l-artikolu jissubordina l-eżerċizzju ta' dik il-fakoltà eċċezzjonali jdaħħlu d-dispożizzjoni taħt l-imperu tad-dritt komuni, billi l-parti li kontra l-volontà tagħha, jiġifieri l-appaltatur, topera r-riżoluzzjoni bil-volontà biss tal-prinċipal, tottjeni minn għand l-istess prinċipal dak kollu li l-parti li ma tissoddisfax għall-obligazzjonijiet tagħha hija tenuta tagħti. B'*dana* kollu, però, id-dispożizzjoni tibqa' *eċċezzjonali*, fis-sens li l-prinċipal ixolji l-kuntratt arbitrarjament, mentri skond id-dritt komuni x-xoljiment tal-kuntratt għandu jiġi pronunċjat mill-Qorti, meta waħda mill-partijiet tonqos mill-obligazzjonijiet tagħha;

Issa, billi, kif ingħad, id-dispożizzjoni għandha tiġi kunsidrata ta' natura eċċezzjonali, l-applikazzjoni tagħha għandha tinżamm fil-limiti li fihom il-*preskrizzjoni* ġiet dettata. "*Il testo è formale, e il suo carattere eccezionale impedisce di estenderlo*", jiktbu Baudry-Lacantinerie u Wahl (Locaz. Vol. II, P. II, paġ. 307). Il-fakoltà tappartjeni lill-prinċipal biss; mhix akkordata lill-appaltatur. Dik id-dispożizzjoni, inoltre, tirrigwarda biss il-każ ta' kuntratt, naturalment validu u preeżistenti, li jiġi riżolut "biss bil-volontà weħedha" ta' l-appaltant; irid ikun hemm fl-appaltant il-volontà li jirriżolvi l-kuntratt; u kwindi l-kontenut ta' dik id-dispożizzjoni mhux applikabili għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt *favur* l-appaltatur minħabba l-inadempiment ta' l-appaltatur. Fl-ebda każ l-appalta-

*tur ma jista' jikkunsidra l-kuntratt riżolut*, jew jirriżolvi l-kuntratt b'awtorità proprja, lanqas fl-ipotesi li jibża' mis-solvibilità tal-kommittent. "Caso mai" il-konvenuti naqsu mill-obligazzjoni tagħhom meta ma ħallewx lill-attur bħala "beneficiary"—il-Qorti mhix qiegħda tidħol f'din il-kwistjoni—dana ma jistax iġib għall-applikazzjoni tan-norma eċċezzjonali fuq riferita, rigwardanti l-kommittent, li jxolji ad arbitriju tiegħu l-akkord ta' l-appalt; anki għaliex jonqsu r-raġunijiet ta' dik id-dispożizzjoni u l-konsiderazzjonijiet li għandhom jinġibdu minnha;

Fil-każ li l-konvenuti naqsu minn xi obligazzjoni li assumew, fil-każ preżenti li jawtorizzaw lill-Kummissjoni tħallas direttament lill-attur, f'dana ma tistax tiġi ravviżata fl-istess konvenuti l-volontà li jħollu l-kuntratt, kif hu meħtieġ għall-applikazzjoni tal-konvenut tan-norma fuq riferita. Inoltre, billi l-massima "inadimplenti non est adimplendum" tiswa anki f'materja ta' lokazzjoni ta' opera, jista' jkun hemm id-dritt ta' l-attur li jinvoka dik il-massima bl-effetti tagħha kollha skond il-liġi favur tiegħu, u l-ġudikant allura jistabbilixxi jekk u sa fejn l-inadempiment ta' parti jiġġustifika l-inadempiment ta' l-oħra. Però, billi l-kondizzjoni riżolutiva taċita ma topera x "de jure", ir-riżoluzzjoni ma tistax issir ħlief "ope judicis", bis-sentenza tal-Qorti (Kollez. XXXI—I—389);

Għaldaqshekk, it-tieni talba ta' l-attur żgur li ma tistax tiġi milqugħa; salva favur tiegħu kull azzjoni oħra, f'każ ta' inadempjenza tal-konvenuti, "si et quatenus";

Tikkunsidra, dwar l-ewwel talba;

Illi dina t-talba tista' tiġi kunsidrata u deċiża f'din il-kawża; għaliex, milli jidher, il-konvenuti aċċettaw id-deċiżjoni ta' l-attur li ma jkomplix ix-xogħol, u fl-imsemmija nota tagħhom ammettew li l-attur għandu jitħallas tax-xogħol li eżegwixxa u għall-ispejjeż li għamel (fol. 72), u kwindi taqa' l-eċċezzjoni ta' l-intempestività ta' l-azzjoni mill-istess konvenuti aċċennata fl-imsemmija nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom;

Illi għandu jiġi rilevat illi mill-perizja adoperata jirriżulta illi, għalkemm kien hemm dewmien fl-istadju preparato-

rju tax-xogħol, dak id-dewmien iżda ma kienx eċċessiv; kien dewmien li jiġri fil-maġġuranza ta' każijiet simili minħabba n-numru ta' *tiswijiet jew rikostruzzjonijiet dovuti għall-operazzjonijiet* tal-gwerra, li allura kien għadu relativament kbir (fol. 56);

Illi mill-istess perizja jirriżulta illi l-ħlas li hu mill-konvenuti dovut lill-attur għax-xogħol li għamel fil-fond u għall-ispejjeż minnu erogati għall-istess xogħol jammonta għas-somma ta' £179. 15. 9 komplessivament..............;

Il-perit tekniku ma attribwixxa l-ebda valur għall-ġebel tal-franka li hemm sfuż fil-post, għaliex mhux servibili. Lanqas ma kkomprenda fl-istima l-operi ta' l-injam deskritta fid-dokument fil-fol. 42, li l-attur allega li ordna u ġew eżegwiti qabel ma telaq mix-xogħol, u dan għar-raġuni li dawn l-opri ta' l-injam ma jeżistux fil-fond. Ġaladarba trattasi ta' ħwejjeġ mhux eżegwiti u mħollijin fil-fond, ma jistgħux jigu kunsidrati in konnessjoni ma' din it-talba, kunsidrati r-raġunijiet fuq mogħtija; il-għaliex l-istess talba qiegħda tiġi kunsidrata u deċiża salvi drittijiet oħra relativi, jekk hu l-każ. Ma għandux wieħed jinsa illi t-talba mhix qiegħda tiġi kunsidrata bħala konsegwenza tar-riżoluzzjoni "ad nutum" kontemplata fil-fuq imsemmi art. 1734, u lanqas bħala konsegwenza ta' riżoluzzjoni ta' kuntratt "ope judicis", għaliex ma hemmx dik ir-riżoluzzjoni, u lanqas talba għaliha;

Għall-motivi premessi;

Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur, u kwindi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lilu s-somma ta' £179. 15. 9 bħala kumpens għax-xogħol mill-istess attur eżegwit fil-fond u għall-materjal u għall-ispejjeż minnu erogati in konnessjoni ma' dak ix-xogħol;

Tiċħad it-tieni talba ta' l-attur, salva kull azzjoni oħra lilu spettanti "si et quatenus";

Tordna illi l-ispejjeż tal-kawża u relativi jitħallsu, dawk ta' l-ewwel talba mill-konvenut, u dawk tat-tieni mill-attur.

L-ispejjeż tal-perizja u relativi jitħallsu mill-kontendenti nofs kull wieħed.